MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1466/2003

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghha Zachary Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**John Ripard & Son Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf tlett mija u seba' liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,307.59c) u dan rapprezentanti hsarat f'merkanzija appartenenti lil Zachary Limited assigurata tas-socjeta' attrici u ghall-ispejjez tas-survey relattiv liema konsenja waslet f'Malta fuq il-bastiment MV Maltese Falcon fl-14 t'Ottubru, 2002 liema danni thallsu mis-socjeta' attrici ai termini tal-polza relattiva.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ John Ripard & Son (Shipping) Limited li biha eccepew illi s-socjeta’ attrici m’ghandhiex konnessjoni guridika mas-socjeta’ konvenuta John Ripard & Son (Shipping) Limited. Illi s-socjeta’ konvenuta tichad kull responsabbilta’ dwar id-danni fuq il-merkanzija in kwistjoni peress illi mill-*bill of lading* jidher car li r-responsabbilta’ ghall-merkanzija danneggjata minhabba difett fil-container hija dik tal-konsenjatur meta huwa stess ipprovda l-container.

F’dan il-kaz is-socjeta’ konvenuta kienet qed tagixxi biss bhala agent ta’ CFG Overseas Srl.

Sema’ x-xhieda ta’ Brian Valenzia u ta’ John Schiavone.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kumpanija Zachary Limited timporta mill-Italja fuq bazi regolari konsenji ta’ ikel ghall-*pets* u tinkariga lis-socjeta’ konvenuta sabiex tigbor ix-xoghol ordnat minghand is-supplier fl-Italja u titrasportah ghal Malta.

F’dan il-kaz partikolari s-socjeta’ Zachary Limited kienet xtrat konsenja ta’ *pet food* tad-ditta Simba minghand il-kumpanija Monge & C.SAS fl-Italja liema konsenja okkupat *full load container* ta’ ghoxrin pied (20”). Din il-konsenja kienet tikkonsisti f’*bags*, *packets* u bottijiet.

Meta l-merkanzija waslet Malta u giet biex tigi kkonsenjata lil Zachary Limited instab illi fil-container in kwistjoni kien hemm toqba fis-saqaf b’mod illi dahal l-ilma u xxarrbet il-merkanzija u dan jirrizulta kemm mix-xhieda tas-surveyor Brian Valenzia, kif ukoll mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda ta’ l-assigurat John Schiavone.

Jirrizulta wkoll illi twarrab ix-xoghol li kien gie mxarrab u wara ezami dettaljat ta’ din il-merkanzija, li ma kellu l-ebda *salvage value*, nstab li din kellha valur ta’ elfejn mitejn u disgha u tletin Euro u hamsa u sittin centezmu

(€2239.65c). Bir-rata tal-kambju t’Ottubru 2002 din iggib is-somma ta’ disa’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm925.47c) (rata ta’ 1:2.42). Illi n-*notice of arrival* intbaghat mis-socjeta’ konvenuta John Ripard & Son Limited u f’dan in-*notice of arrival* hemm indikazzjoni wkoll kemm huwa l-freight u ghalhekk a bazi ta’ dan id-dokument wiehed jista’ jasal ghall-konkluzjoni illi kien hemm ftehim dirett bejn is-socjeta’ konvenuta (u mhux dik li pprezentat ir-Risposta) u Zachary Limited.

Bhala socjeta’ trasportatrici hija kienet giet inkarigata sabiex tigbor merkanzija mis-supplier li mill-provi prodotti ma jirrizultax li din kienet b’xi mod difettuza u jirrizulta wkoll illi meta s-socjeta’ konvenuta wasslet ix-xoghol ghand il-klijent, din instabet iddanneggjata u l-hsara kienet imputabbli ghall-ilma li dahal mit-toqba tas-saqaf li kien hemm fil-container. Galadarba kienet is-socjeta’ konvenuta li kienet qieghda titrasporta l-merkanzija jew hi, jew in-nies minnha nkarigati, bhala *main carrier*, cjoe’ s-socjeta’ li kienet inkarigata minn Zachary Limited, hija tibqa’ dejjem responsabbli vis-à-vis il-klijent fuq bazi ta’ relazzjoni kuntrattwali. Din hija r-relazzjoni guridika li tirrizulta bejn Zachary Limited u s-socjeta’ konvenuta.

Illi inoltre, mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-assigurat thallas u huwa ta surroga tad-drittijiet tieghu lis-socjeta’ AXA Insurance plc, cjoe’ s-socjeta’ attrici proprio u konsegwentement is-socjeta’ attrici qieghda fid-drittijiet taghha li tressaq il-pretenzjonijiet taghha kontra s-socjeta’ konvenuta.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-provi prodotti illi l-hsarat in kwistjoni graw waqt li l-merkanzija kienet qieghda tigi ttrasportata fuq inkarigu moghti minn Zachary Limited lis-socjeta’ John Ripard & Son Limited u li Zachary Limited issurrogat lis-socjeta’ attrici fid-drittijiet taghha fuq din il-konsenja in kwistjoni u konsegwentement hija s-socjeta’ konvenuta li ghandha taghmel tajjeb vis-à-vis is-socjeta’ attrici.

Bhala quantum, kif gja' nghad, il-hsara fil-merkanzija tammonta ghal disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm925.47c) u maghhom is-socjeta' attrici qieghda titlob mitt lira Maltin (Lm100) bhala *survey fees*. Ghalkemm huwa saput li dan isir fl-interess tal-assigurazzjoni, dan is-survey ghandu wkoll utilita' li jservi bhala bazi ta' prova sabiex ikun hemm *recovery* tad-danni sofferti u konsegwentement it-Tribunal jidhirlu li din il-partita hija wkoll gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-hsarat in kwistjoni u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu (Lm1,025.47c) bl-ispejjez u bl-interessi mis-7 t'Awissu, 2003 (data tan-notifika ta' l-Avviz).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------